



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 14.2.2020  
COM(2020) 54 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar statistika miġbura skont ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart u l-kwalità tagħha**

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar statistika miġbura skont ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart u l-kwalità tagħha

## WERREJ

|    |                                   |   |
|----|-----------------------------------|---|
| 1. | Introduzzjoni .....               | 2 |
| 2. | Puntwalità u tempestività .....   | 3 |
| 3. | Kompletezza.....                  | 4 |
| 4. | Preċiżjoni tad- <i>data</i> ..... | 4 |
| 5. | Komparabbiltà.....                | 6 |
| 6. | Piż fuq in-negozji .....          | 7 |
| 7. | L-iżvilupp tal-indikaturi .....   | 7 |
| 8. | Kisbiet u prospettiva .....       | 8 |

## 1. INTRODUZZJONI

L-għan tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2150/2002 tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament) huwa li jipproduċi statistika dwar l-iskart. Id-definizzjoni ta' skart taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (id-Direttiva Qafas dwar l-iskart)<sup>2</sup>. L-Artikolu 8(1) tar-Regolament jeħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull tliet snin (wara l-ewwel rapport, li kellu jiġi ppreżentat fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament). L-ewwel rapport ġie ppubblikat fl-2008<sup>3</sup>, it-tieni wieħed fl-2011<sup>4</sup>, it-tielet wieħed fl-2014<sup>5</sup> u r-raba' wieħed fl-2016<sup>6</sup>.

Dan ir-rapport jirreferi għall-kwalità tal-ġbir ta' *data*, li sar fl-2018, b'referenza għall-iskart prodott u trattat fl-2016. Il-ġbir ta' *data* meħtieġ mir-Regolament jikkonsisti fi tliet partijiet: il-ġenerazzjoni tal-iskart, it-trattament tal-iskart u l-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart, dawn tal-aħħar diżaggregati għal-livell NUTS II.

### *Approċċi nazzjonali differenti u kwalità*

Ir-Regolament jistabbilixxi liema *data* statistika għandha tiġi ppreżentata u l-kwalità meħtieġa minn din id-*data*. Madankollu, ir-Regolament iħalli f'idejn l-Istati Membri l-għażla tal-metodu speċifiku għat-tfassil tal-istatistika tal-iskart. Dan jippermettilhom li jżommu sistemi tal-ġbir tad-*data* tagħhom u li jimminimizzaw il-piż li ġgħib magħha l-konformità mar-Regolament. Id-*data* tinġabar kull sentejn.

Ir-Regolament (l-Anness I, it-Taqsima 7) jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri jippreżentaw rapport ta' kwalità flimkien mad-*data*. F'dawn ir-rapporti, l-Istati Membri jirreferu għall-elementi ta' kwalità li normalment jintużaw fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika<sup>7</sup> u li huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/2005 dwar il-kwalità tal-istatistika tal-iskart<sup>8</sup>.

### *Kontroll tal-kwalità*

Sa mill-ewwel ġbir ta' *data* fl-2004, il-Kummissjoni (il-Eurostat) stabbiliet sistema effiċjenti ta' kontroll tal-kwalità f'żewġ stadji biex tivverifika d-*data* li tirċievi mill-Istati Membri.

Fl-ewwel pass wara li d-*data* tkun intbagħtet lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' malajr tad-*data* u tar-rapporti tal-kwalità fi żmien xahrejn wara l-iskadenza għar-rappurtar. F'dan il-pass, il-validazzjoni tad-*data* tiffoka l-aktar fuq il-koerenza interna tad-*data* l-ġdida u l-iżviluppi tul iż-żmien. L-analiżi ssir f'livell aggregat ħafna u għandha l-għan li tiskopri interruzzjonijiet ewlenin fis-serje u li tivvalida li d-*data* hija adatta għall-

<sup>1</sup> ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

<sup>3</sup> KUMM(2008) 355 finali, 13.6.2008.

<sup>4</sup> KUMM(2011) 131 finali, 17.3.2011.

<sup>5</sup> COM(2014) 79 final, 14.2.2014.

<sup>6</sup> COM(2016) 701 final, 3.11.2016.

<sup>7</sup> Is-sit web tal-Eurostat dwar ir-Rappurtar tal-Kwalità: <https://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/quality-reporting>.

<sup>8</sup> ĠU L 229, 6.9.2005, p. 6.

pubblikazzjoni. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) imbagħad tibgħat rapport ta' evalwazzjoni lill-Istat Membru li ppreżenta *d-data*. Jekk ikun meħtieġ, dan ir-rapport ta' evalwazzjoni jista' jitlob spjegazzjoni u/jew revizzjoni tad-*data*.

It-tieni pass huwa validazzjoni fil-fond. Dan jinvolvi l-analiżi tad-*data* f'livell aktar dettaljat (eż. skont is-settur ekonomiku u skont il-kategorija tal-iskart) u t-tqabbil tal-mudelli u tal-iżviluppi bejn il-pajjiżi. Il-kontrolli tal-validazzjoni jinkludu:

- tqabbil fil-pajjiż innifsu ta' skart iġġenerat għal kull attività ekonomika b'valuri mis-snin ta' qabel;
- tqabbil tad-*data* għal kull attività ekonomika bejn il-pajjiżi;
- tqabbil fil-pajjiż innifsu ta' skart iġġenerat u skart ittrattat għal kull kategorija ta' skart;
- kontroverifiki ma' *data* tal-iskart minn obbligi oħrajn ta' rappurtar bħalma huwa l-monitoraġġ dwar il-konformità skont leġislazzjoni oħra marbuta mal-iskart.

Ir-riżultati jiġu vverifikati ma': (i) ir-rapporti ta' kwalità tal-pajjiżi; (ii) ir-rispons mill-ewwel stadju tal-evalwazzjoni; u (iii) kwalunkwe dokument ieħor disponibbli (eż. dokumentazzjoni ta' rappurtar mis-snin ta' qabel). Imbagħad, ir-riżultati jiġu diskussi mal-pajjiżi. L-għan ta' din il-validazzjoni fil-fond mhux biss li jinstabu l-inkonsistenzi, iżda wkoll li tittejjeb il-kwalità tad-*data* fuq perjodu ta' żmien twil.

Il-Kummissjoni (il-Eurostat) tkompli taġġorna l-gwida metodoloġika disponibbli fuq is-sit web tal-Eurostat u tkompli ttejjeb u tirfina s-sistema ta' kontroll tal-kwalità tad-*data*.

## 2. PUNTWALITÀ U TEMPESTIVITÀ

Ir-rapporti tad-*data* u tal-kwalità għandhom jiġu ppreżentati kull sentejn lill-Kummissjoni (il-Eurostat) fi żmien 18-il xahar mit-tmien tas-sena bażi<sup>9</sup>.

Il-konformità mal-iskadenza għar-rappurtar għas-sena bażi 2016 ma nbidlitx meta mqabbla mas-snin ta' qabel. B'kolloxx, 23 Stat Membru u żewġ pajjiżi tal-EFTA bagħtu fil-ħin settijiet ta' *data* u rapporti tal-kwalità kompluti. Żewġ Stati Membri bagħtu parti mid-*data* taġġhom b'dewmien ta' inqas minn xahar. Ħames Stati Membri u pajjiż wieħed tal-EFTA ppreżentaw kemm *data* kif ukoll rapporti tal-kwalità aktar minn xahar wara l-iskadenza. Żewġ Stati Membri ppreżentaw settijiet tad-*data* aktar minn 9 xhur wara l-iskadenza.

Il-Kummissjoni (il-Eurostat) qiegħda tiegħ passi biex ttejjeb lill-pajjiżi jirrevedu l-proċessi taġġhom ta' produzzjoni statistika u jipprovdu *data* ta' kwalità tajba skont l-iskadenzi stabbiliti.

### *Pubblikazzjoni*

Fl-14 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni (il-Eurostat) temmet il-pubblikazzjoni tad-*data* dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart għas-sena bażi 2016 fil-bażi tad-*data* tad-disseminazzjoni tal-

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002, it-Taqsima 7(2) tal-Annessi I u II.

Eurostat. Fit-18 ta' Settembru 2018, hija temmet ukoll il-pubblikazzjoni tad-*data* dwar it-trattament tal-iskart fil-bażi tad-*data* tad-disseminazzjoni tal-Eurostat<sup>10</sup>.

### 3. KOMPLETEZZA

Il-konsenja ta' settijiet nazzjonali kompleti tad-*data* hija kruċjali biex jinħolqu l-aggregati tal-UE. Id-*data* nieqsa tillimita l-valur informattiv tal-istatistika tal-iskart. Id-*data* ma tkunx kompluta kull meta l-pajjiżi ma jkollhomx sorsi ta' *data* jew id-*data* ma tkunx suffiċjenti għall-estimi.

Kemm l-għadd ta' valuri nieqsa kif ukoll l-għadd ta' pajjiżi li jirrapportaw valuri nieqsa naqsu b'mod konsiderevoli għall-ġbir ta' *data* dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart bejn is-snin bażi 2010 u 2016. Fl-2010, 8 pajjiżi rrapportaw valuri nieqsa iżda dan naqas għal 3 pajjiżi fis-sena bażi 2016. L-għadd totali ta' valuri nieqsa naqas minn 1,668 fis-sena bażi 2010 għal 97 fis-sena bażi 2016. Il-biċċa l-kbira tal-valuri nieqsa kienu jikkonċernaw skart mill-unitajiet domestiċi.

It-tendenza hija l-istess għad-*data* dwar it-trattament tal-iskart. Fl-2016 ma ġie rrapportat l-ebda valur nieqes tat-trattament tal-iskart, titjib meta mqabbel mal-263 valur nieqes fis-sena bażi 2010.

### 4. PREĊIŻJONI TAD-DATA

#### *Kopertura tad-data*

L-istatistika dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart trid tinġabar għas-setturi ekonomiċi kollha u għall-unitajiet domestiċi. Din l-istatistika trid tinkludi skart li joriġina minn operazzjonijiet ta' rkupru u rimi, magħruf ukoll bħala skart sekondarju. L-istatistika trid tkopri wkoll skart minn negozji żgħar (inqas minn 10 impjegati), għalkemm fejn ikun possibbli, dawn in-negozji żgħar jenħtieġ li jiġu eżentati mill-istħarriġ.

L-istatistika dwar it-trattament tal-iskart tkopri l-iskart kollu li huwa rkuprat jew mormi fil-pajjiż stess, irrISPETTIVAMENT mill-oriġini tal-iskart. L-għan bażiku tar-Regolament huwa li tinġabar id-*data* dwar id-destinazzjoni finali tal-iskart. Ir-Regolament ma jeħtieġx li tinġabar *data* dwar operazzjonijiet ta' trattament preparatorju. Madankollu, għal xi kategoriji ta' trattament, xi pajjiżi rrapportaw *data* ta' qabel it-trattament (bħas-separazzjoni jew il-ħżin) bħala trattament finali. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) talbet lil dawn il-pajjiżi biex jikkoreġu d-*data* tagħhom. Ġeneralment, il-kopertura tal-ġbir ta' *data* għall-istatistika tal-iskart tjiebet għas-sena bażi 2016 meta mqabbla mal-2014. L-għadd ta' valuri nieqsa naqas, is-sehem tal-iskart li kellu jiġi smat naqas, u ntużaw sorsi addizzjonali. Meta mqabbel mas-sena bażi 2014, jista' jiġi osservat titjib fil-kopertura fi tmien pajjiżi għas-sena bażi 2016. Żewġ sejbiet importanti tal-validazzjoni tal-istatistika tal-2016 huma dawn li ġejjin:

- Xi pajjiżi għadhom ma jistgħux jirrapportaw dwar il-kategorija ta' trattament "irdim mill-ġdid" jew jużaw il-kategorija tal-irdim mill-ġdid biex jirrapportaw ir-rimi

<sup>10</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/web/waste/data/database>

f'landfill. Din il-problema nstabet waqt il-validazzjoni. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) talbet lill-pajjiżi kkonċernati biex itejbu din is-sitwazzjoni sabiex jirrapportaw settijiet tad-*data* kompletament korretti.

- L-iskart minerali huwa ta' rilevanza relattivament limitata, iżda huwa responsabbli għal sehem kbir mill-iskart totali. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) żviluppat indikatur addizzjonali "Skart għajr l-iskart minerali ewlieni".

#### *Tqassim skont is-setturi ekonomiċi*

L-impatt ġenerali ta' allokkazzjoni ħażina skont is-settur ekonomiku jitqies bħala baxx. Ġeneralment, każijiet rari jiġu identifikati waqt il-validazzjoni u għalhekk jiġu spjegati jew ikkoreġuti. Każijiet bħal dawn ma jseħħux ta' spiss.

#### *Kategoriji ta' skart*

Ir-Regolament jistabbilixxi li l-kategoriji tal-iskart għar-rappurtar lill-UE għandhom isegwu l-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Iskart għall-Istatistika<sup>11</sup> (EWC-Stat). L-EWC-Stat ma tistipulax klassifikazzjoni speċifika li għandha tintuża għall-ġbir tad-*data* nazzjonali.

Ħafna mill-pajjiżi jiġbru d-*data* tagħhom skont il-lista Ewropea tal-iskart<sup>12</sup>, li hija magħmula minn 839 tip ta' skart. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 849/2010<sup>13</sup> jinkludi tabella ta' trasformazzjoni biex il-lista Ewropea tal-kodiċijiet tal-iskart tiġi ttrasformata f'kodiċijiet tal-EWC-Stat. L-użu wiesa' ta' dawn iż-żewġ klassifikazzjonijiet jiżgura livell għoli ta' komparabbiltà, tal-inqas fil-livell aggregat mitlub fir-Regolament. Il-Eurostat jikkunsidra l-impatt ġenerali tal-iżbalji fil-klassifikazzjoni fuq il-preċiżjoni tad-*data* bħala żgħir. Fejn l-iżbalji fil-klassifikazzjoni jirriżultaw f'impatti kbar, dawn jinstabu diġà matul l-ewwel validazzjoni ta' malajr u jiġu kkoreġuti minnufih mill-Istat Membru kkonċernat. Wieheh minn dawn l-iżbalji seħħ fl-2014, u fl-2016 ma ġie osservat l-ebda żball ta' dan it-tip.

#### *Id-differenzi bejn il-ġenerazzjoni tal-iskart u t-trattament tal-iskart*

Hemm diversi differenzi bejn l-istatistika għat-trattament tal-iskart u l-istatistika għall-ġenerazzjoni tal-iskart.

L-ammont ta' skart iġġenerat kien differenti mill-ammont ta' skart ittrattat fl-UE b'madwar 200 miljun tunnellata mill-2008. Dan huwa ekwivalenti għal madwar 10 % tal-iskart kollu ġġenerat. Ix-xejra ilha stabbli mill-2008: hemm aktar skart iġġenerat milli ttrattat. Id-differenza kienet l-ogħla għall-ħama u għall-iskart likwidu wara t-trattament tal-iskart (madwar 70 %) u l-aktar baxxa (madwar 0 %) għall-ħamrija.

Diversi raġunijiet jistgħu jispjegaw id-differenza bejn l-iskart iġġenerat u l-iskart ittrattat. Dawn id-differenzi huma stabbiliti fil-punti ta' hawn taħt.

<sup>11</sup> Verżjoni attwali EWC-Stat Rev. 4, li għandha 51 kategorija, stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 849/2010.

<sup>12</sup> Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE. Il-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Iskart għall-Istatistika (EWC-Stat) hija purament ikklassifikata skont il-materjal tal-iskart. Il-lista Ewropea tal-iskart hija ħafna aktar diżaggregata mill-EWC-Stat u hija bbażata fuq il-materjal, l-użu tal-materjal, u l-oriġini tal-iskart.

<sup>13</sup> ĠU L 253, 28.9.2010, pp. 2–41.

- Mhux l-iskart kollu jiġi ttrattat fil-pajjiż fejn huwa ġġenerat. Id-*data* tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni ma tinġabarx skont ir-Regolament, u b'hekk id-differenzi li ġejjin mill-importazzjonijiet u mill-esportazzjonijiet ma jistgħux jiġu kkwantifikati abbażi tad-*data* tar-Regolament. Stimmi bbażati fuq id-*data* tal-kummerċ estern juru li dan l-effett jispjega madwar għoxrin fil-mija tad-differenza għall-UE kollha. Għall-pajjiżi individwali dan l-effett jista' jkun oġhla.
- Il-kontenut tal-ilma tal-iskart għandu rwol ukoll. Il-kategoriji kollha tal-iskart ħlief il-ħama huma rrapportati fil-piż niedi normali. Matul il-proċess tat-ttrattament minn qabel, bħall-operazzjonijiet tat-ttrattament preparatorju għar-rimi (it-ttrattament tal-iskart likwidu, eż., il-lissija jew l-emulsjoni taż-żejt/l-ilma), jintlefi il-piż tal-ilma u l-iskart jidħol fit-ttrattament finali bi tnaqqis sinifikanti fil-piż.
- Xi operazzjonijiet huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness II tar-Regolament, bħal impjanti ta' koinċinerazzjoni li jużaw biss skart tal-bijomassa partikolari bħala fjuwil.
- Mhux l-iskart kollu jiġi ttrattat fl-istess sena meta jiġi ġġenerat. Xi skart jinħażen temporanjament. Għalhekk skart ittrattat fis-sena t jista' jkun fih skart iġġenerat fis-sena t-1. Skart iġġenerat fis-sena t jista' jiġi ttrattat fis-sena t+1.
- It-ttrattament tal-iskart jista' joħloq tipi ġodda ta' skart u għalhekk iżid mal-iskart iġġenerat, eż. l-irmied mill-inċinerazzjoni tal-iskart jista' jkun skart ukoll. Sabiex tagħmel valutazzjoni kwantitattiva ta' dan l-effett, il-Kummissjoni (il-Eurostat) tistma l-indikatur "skart sekondarju", li jaggrega l-iskart li jiġi prodott bit-ttrattament tal-iskart.
- Il-vetturi jew it-tagħmir mormija jiġu biss irrappurtati bħala tali taħt statistika tal-ġenerazzjoni tal-iskart. It-ttrattament tal-iskart jitkejjel fit-tmiem tal-katina tat-ttrattament, jiġifieri wara r-rimi u s-separazzjoni. Vettura tikkonsisti minn materjali differenti, eż. metall u plastik. Fl-aħħar dawn il-materjali jiġu rrapportati taħt statistika tat-ttrattament tal-iskart. Għalhekk, f'każijiet eċċezzjonali biss il-vetturi u tagħmir simili jiġu rrapportati taħt statistika tat-ttrattament tal-iskart.

Għalhekk, id-differenza bejn il-ġenerazzjoni tal-iskart u t-ttrattament tal-iskart mhijiex ir-riżultat tal-fatt li l-istatistika għal dawn iż-żewġ kategoriji hija ta' kwalità differenti. Minflok, tirrifletti differenzi fl-iskop ta' dawn iż-żewġ kategoriji u l-kunċetti li jintużaw għalihom. Madankollu, skont il-klassi tal-iskart, id-differenza għandha tkun f'ċerti limiti. Jekk jinqabżu dawn il-limiti, l-Istat Membru rispettiv jintalab jagħti spjegazzjonijiet.

## 5. KOMPARABBILTÀ

### *Komparabbiltà matul iż-żmien*

Ir-rapporti tal-kwalità ppreżentati mill-pajjiżi wrew li huma għodod utli biex jimmonitorjaw bidliet metodoloġiċi u l-impatt tagħhom fuq il-komparabbiltà tad-*data*. Dawn ir-rapporti tal-kwalità juru li mill-2004 'l hawn kważi l-pajjiżi kollha għamlu titjib konsiderevoli fl-approċċi tagħhom għall-istatistika nazzjonali tal-iskart. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jkomplu jtejbju: (i) il-

kwalità tad-*data* permezz tal-ġbir tad-*data* tagħhom (eż. jeliminaw il-lakuni fid-*data* u jtejbu l-kopertura); u (ii) l-effiċjenza tal-metodi tagħhom.

It-titjib fil-ġbir tad-*data* matul is-snin ħoloq interruzzjonijiet fis-serje kronoloġika. Il-pajjiżi jirvedu s-settijiet tad-*data* għas-snin ta' qabel biex jillimitaw dawn l-interruzzjonijiet, u l-utenti jiġu infurmati dwar dawn ir-reviżjonijiet. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) twissi dwar id-diskontinwità tas-serje kronoloġika fis-settijiet tad-*data* disseminati.

### *Il-komparabbiltà fil-pajjiżi kollha*

Bis-saħħa tad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet komuni, il-komparabbiltà tad-*data* fil-pajjiżi kollha hija għustament għolja għal ħafna setturi u tipi ta' skart. Madankollu, għadhom jitfaċċaw xi problemi fit-tqabbil tad-*data* fil-pajjiżi kollha minħabba d-differenzi fil-kopertura deskritti fit-Taqsima 4. Sabiex tizzied il-komparabbiltà, huwa ppubblikat l-aggregat "skart mingħajr skart minerali kbir".

## **6. PIŻ FUQ IN-NEGOZJI**

Fir-rapporti tal-kwalità tagħhom, il-pajjiżi juru impenn biex il-piż tar-rappurtar jinżamm kemm jista' jkun baxx. Dan huwa rifless fl-għadd dejjem jizzied ta' pajjiżi li: (i) jiġbru informazzjoni dwar il-piż tar-rappurtar; u (ii) jistgħu jikkwantifikaw il-ħin medju li r-rispondenti jkollhom bżonn biex jimlew il-kwestjonarji jew il-formoli ta' rappurtar. L-informazzjoni tinġabar mir-rispondenti permezz ta' kwestjonarji jew tiġi ddeterminata minn studji speċifiċi. Madwar nofs l-Istati Membri jużaw id-*data* amministrattiva bħala s-sors ewlieni tagħhom għall-istatistika tal-iskart u b'hekk jevitaw piż fuq il-fornituri tad-*data* bi kwestjonarji addizzjonali. Pajjiżi oħrajn jużaw id-*data* amministrattiva bħala waħda minn bosta sorsi ta' *data*. Kumpaniji żgħar huma eżentati mill-istħarriġ b'modi differenti<sup>14</sup>.

Għadd dejjem akbar ta' pajjiżi implimentaw, jew jippjanaw li jimplimentaw, sistemi ta' rappurtar elettroniċi. Dawn is-sistemi jgħaddu d-*data* meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart b'mod awtomatiku mill-faċilitajiet tat-treatment tal-iskart lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

## **7. L-IŻVILUPP TAL-INDIKATURI**

Id-*data* prodotta tintuża biex jiġu kkalkulati l-indikaturi. Pereżempju, l-indikaturi tal-iżvilupp sostenibbli tal-UE dwar "il-ġenerazzjoni tal-iskart għajr l-iskart minerali ewlieni"<sup>15</sup> u dwar "Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart għajr l-iskart minerali ewlieni"<sup>16</sup> huma disponibbli fuq is-sit

<sup>14</sup> L-eżenzjoni ta' kumpaniji żgħar mill-istħarriġ hija trattata b'modi differenti. Xi pajjiżi jkopru l-kumpaniji żgħar permezz ta' sħarriġ ta' kampjuni u jstrapolaw ir-riżultati. Madankollu, ħafna mill-pajjiżi jeskludu kompletament il-kumpaniji żgħar. Jekk l-esklużjoni tkun konformi mal-kopertura u mal-obiettivi tal-kwalità tal-Artikolu 3 tar-Regolament, iċ-ċifri jistgħu jiġu injorati. B'mod alternattiv, iċ-ċifri jistgħu jiġu estrapolati permezz ta' mudelli għall-estimi bbażati fuq fatturi. Il-pajjiżi stabbilew limiti ta' esklużjoni differenti, iddeterminati l-aktar mill-għadd ta' impjegati jew mill-ammont ta' skart iġġenerat kull sena. Xi pajjiżi jiġbru flimkien iż-żewġ kriterji sabiex jiżguraw li anke l-kumpaniji żgħar huma koperti mill-ġbir tad-*data* meta dawn jaqbu l-limitu ddefinit ta' ġenerazzjoni tal-iskart.

<sup>15</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sdg\\_12\\_50/default/table?lang=en](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sdg_12_50/default/table?lang=en)

<sup>16</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sdg\\_12\\_60/default/table?lang=en](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sdg_12_60/default/table?lang=en)



web tal-Eurostat. Dawn l-indikaturi huma rrapportati kemm f'kilogrammi għal kull abitant kif ukoll f'perċentwal ta' skart ittrattat fil-pajjiżi kollha. L-indikatur "l-immaniġġjar tal-iskart għajr l-iskart minerali ewlieni" juri t-trattament finali tal-iskart iġġenerat fuq livell nazzjonali<sup>17</sup>. B'kuntrast mad-*data* miġbura skont ir-Regolament, dan l-indikatur jinkludi skart esportat filwaqt li jeskludi skart importat.

F'Diċembru 2018, ġie adottat il-pakkett tal-ekonomija ċirkolari<sup>18</sup>. Biex jimmonitorja l-progress fit-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija ċirkolari, il-Eurostat jipprovdi aċċess faċli għad-*data* rilevanti għal dawk li jfasslu l-politika u għall-pubbliku fil-forma ta' 10 indikaturi<sup>19</sup>. L-indikaturi *ġenerazzjoni tal-iskart, skart tal-ikel, rata tar-riċiklaġġ, flussi ta' skart speċifiċi u kontribut ta' materja prima rriċiklata għad-domanda tal-materja prima* jiġu prodotti bid-*data* miġbura skont ir-Regolament, jew jiġu rkuprati direttament minn din id-*data*.

## 8. KISBIET U PROSPETTIVA

Sar progress sinifikanti fir-rigward tal-kompilazzjoni tal-istatistika tal-iskart sa mill-aħħar rapport fl-2016. Il-kompletezza tad-*data* mibgħuta mill-pajjiżi tjebet b'mod konsistenti. L-istatistika tal-iskart laħqet livell pjuttost għoli ta' komparabbiltà fil-pajjiżi kollha għal ħafna mill-kategoriji u mis-setturi tal-iskart u qed isir progress konsiderevoli lejn il-kisba ta' kopertura sħiħa tad-*data*. B'mod ġenerali, id-*data* hija ta' kwalità xierqa għal ħafna mill-pajjiżi. Il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart<sup>20</sup> riveduta skont il-pakkett tal-ekonomija ċirkolari tinkludi regoli aktar preċiżi dwar il-kejl tal-operazzjonijiet ta' trattament tal-iskart u definizzjonijiet aktar preċiżi. Dan se jtejjeb ukoll il-komparabbiltà tal-istatistika tal-iskart fil-pajjiżi kollha. Il-Kummissjoni tkompli taħdem mal-Istati Membri permezz ta' miżuri oħrajn, pereżempju permezz ta' seminars u skambji tal-aħjar Prattiki. Investigazzjoni statistika ta' skart minerali ewlieni tkun teħtieġ sforzi addizzjonali.

Wara l-ġbir tad-*data* tal-2016, id-*data* dwar il-ġenerazzjoni u t-trattament tal-iskart issa hija disponibbli għal 7 snin bażi, jiġifieri, għall-perjodu ta' bejn l-2004 u l-2016. Bl-estensjoni tas-serje kronoloġika, id-*data* qed issir dejjem aktar utli, pereżempju, għall-iżvilupp ta' indikaturi jew bħala kontribut għall-analiżi marbuta mal-klima.

---

<sup>17</sup> L-indikatur ikopri l-iskart kollu għajr "skart minerali ewlieni". Dan jipprovdi sett konsistenti ta' indikaturi li jkopri l-kategoriji kollha tat-trattament tal-iskart tal-Anness II, it-Taqsima 8 tar-Regolament. Is-sett ta' indikaturi huwa bbażat fuq id-*data* dwar it-trattament tal-iskart tar-Regolament u jirrifletti l-ammonti ta' skart li huma mmaniġġjati fl-Istati Membri. Barra minn hekk, id-*data* statistika dwar il-kummerċ barrani (COMEXT) jew id-*data* nazzjonali dwar l-importazzjonijiet/l-esportazzjonijiet tal-iskart tintuża biex jiġu inklużi l-ammonti ta' skart esportat u biex jiġu esklużi mill-kalkolu l-ammonti ta' skart importat.

<sup>18</sup> [https://ec.europa.eu/environment/circular-economy/index\\_en.htm](https://ec.europa.eu/environment/circular-economy/index_en.htm)

<sup>19</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/web/circular-economy/indicators>

<sup>20</sup> [https://ec.europa.eu/environment/waste/target\\_review.htm](https://ec.europa.eu/environment/waste/target_review.htm)